KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 379

It-Tnejn 21 ta' Ottubru 2019

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-sitta u nofs ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sindku Kurstein Nicholas Sant
Il-Viċi Sindku Rodianne Haber
Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit (ħarġet fit-8.00pm)
Il-Kunsillier Julian Borg
Il-Kunsillier Adrian Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Il-Kunsillier Dominic Grech

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**379.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsillier Dominic Grech.

**379.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 379. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsill approva unanimament.

**Punti li joħorġu mill-Minuti**

**379.2.1** 378.2.2 Is-Sindku qal li l-avukati issa qegħdin f'pożizzjoni li jaslu għal ċifra wara li ġew imnaqqsa l-ispejjeż kollha u kkunsidrat ammont ta' penali.

**379.2.2** Is-Sindku qal li qed isiru spezzjonijiet fuq il-post minnu flimkien mal-Perit. Ix-xogħol fil-park miexi sew u fil-ġimgħat li ġejjin jistgħu jiġu installati l-bandli. Minn informazzjoni mid-Dipartiment tax-Xogħlijiet ir-*railing* qiegħed jinħadem. Is-Sindku informa li sakemm jitlesta x-xogħol kollu, il-post għandu jinżamm magħluq minħabba siġurta'.

**379.2.3** 378.2.5 Is-Sindku qal wara li ra d-dokumenti fil-file LCS14/05, irriżulta li l-barriera fl-applikazzjoni PA06015/19 hija sit differenti mill-barriera li l-Kunsill kien oġġezzjona għaliha snin ilu. Filfatt huma żewġ siti differenti, sit 30 u sit 31. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit proponiet li l-Kunsill jikkonsulta mal-Perit C.Cacopardo, espert fil-qasam tal-ambjent, biex tiġi sottomessa l-oġġezzjoni.

**379.2.4** 378.2.8 Is-Sindku qal li l-bus stop għadha ma ġietx spustjata u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex jintbagħat *reminder* lil Transport Malta.

**379.2.5** 378.3.2 Is-Sindku infurma li s-sistema ta' infurzar mil-Lesa diġa qegħda fis-seħħ.

**379.2.6** 378.3.4 Is-Sindku infurma li t-taraġ kien ġie installat fil-post għall-benefiċċju tas-sajjieda.

**379.2.7** 378.12.3 Is-Sindku qal li fil-laqgħa tar-Reġjun Nofsinhar kien infurmat li ser jiġu provduti żewġ cameras lill-Kunsilli tar-Reġjun. 'Il quddiem għandu jkollna iktar informazzjoni. Il-Kunsill għandu jidentifika sit fejn jiġu installati. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li l-ewwel prijorita' għandha tkun l-*outdoor gym*, fejn il-Kunsill investa f'apparat, u li sikwit ikun hemm atti vandali. Is-Sindku qal li wkoll jistgħu jinbidlu l-*cameras* eżistenti tal-bandli Nalizpelra li għandhom ħsara estensiva u li diġa hemm il-konnessjoni allura m'hemmx bżonn spejjeż ulterjuri.

**379.2.8** 378.8.1 Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ġibdet l-attenzjoni rigward applikazzjoni PA7228/19 u qalet li normalment applikazzjoni ta' *renewal* issir kull ħames snin. Hija ssuġġeriet li din l-applikazzjoni tiġi diskussa wkoll mal-Perit Carmel Cacopardo sabiex, bħala espert fil-qasam tal-ambjent, il-Kunsill ikun jista' jifformola pożizzjoni.

**379.2.9** 378.9.4 Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera fil-Laqgħa Plenarja tal-25 u 26 t'Ottubru 2019, u ħeġġeġ lill-Kunsilliera biex jattendu. Sal-lum kienu taw risposta fl-affermattiv is-Sindku, il-Viċi Sindku, il-Kunsilliera Francine Farrugia u s-Segretarju Eżekuttiv.

**379.2.10** 378.12.8 Il-Viċi Sindku qalet li l-attivita' '*Bake Sale* għal Puttinu' sa jsir fid-9 u l-10 ta' Novembru 2019.

**379.2.11** 378.12.10 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li dan il-punt semmietu hi biex tisħaq dwar il-periklu li jkunu fiħ it-tfal tal-iskola kuljum biex jaqsmu għal fuq il-*bus stop*.

379.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**379.3.1** Is-Sindku informa li l-iskema SPI11/2019 Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet ta' tagħlim tul il-Ħajja ġiet parzjament aċċettata u ġiet approvata s-somma ta' €800. Is-Sindku propona li l-*airconditioners* kif applikati fl-iskema isiru xorta u d-differenza ta' €1500 tiġi iffinanzjata mill-Kunsill. Il-Kunsill unanament qabel.

**379.3.2** Is-Sindku infurma li l-Iskemi mir-Reġjun Nofsinhar ta' €1000 għal korsijiet u €2500 għal attivita' ta' Festa Milied 2019 ġew aċċettati.

**379.3.3** Is-Sindku nfurma li r-Reġjun Nofsinhar nieda skema ta' għajnuna għal tiżjin fit-toroq fi żmien il-Milied għall-ammont ta' €1000.

**379.3.4** Is-Sindku infurma li kien qed ser isir *scanning* tal-blat tal-bajja ta' Għar Lapsi mill-Ministeru tal-Infrastruttura, li mistenni li jdum tlett ijiem. Sadanittant, is-sajjieda ġew mitluba jiżgumbraw l-inħawi mill-inġenji tagħhom biex ikun jista' jsir ix-xogħol meħtieġ.

**379.3.5** Is-Sindku infurma lill-Kunsill li ġie riċevut Protest Ġudizzjarju minn 356 Holdings Ltd. kontra l-AKL u diversi Kunsilli Lokali fosthom tas-Siġġiewi rigward bus-shelters. L-AKL kienet ser taġixxi legalment f'isem il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill qabel fuq dan u l-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit proponiet li l-Kunsill xorta jinfurma b'dan lill-Avukat tiegħu.

379.4 Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

**379.4.1** Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet meta ser issir it-tkomplija tal-wiċċ tat-Triq ta' Għar Lapsi. Is-Sindku qal li minn informazzjoni jonqos isir xi xogħol ta' trinkar. Hija qalet ukoll li din it-triq m'hix mgħammra b'dawl adekwat. Is-Sindku qal li ser jiġu installati cat's eyes u tagħmir ieħor għas-sigurta' tas-sewwieqa fix-xhur li ġejjin.

**379.4.2** Il-Kunsillier Alessia Psaila Zammit staqsiet meta ser isir ix-xogħol ta' twessiegħ ta' Triq l-Imqabba, anka peress li l-Kunsill qed iħallas għall-kiri tal-*bollards*. Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li f'din it-triq trid tiġi kkunsidrata karreġġata għall-użu ta' nies bil-pass għax hija perikoluża mmens. Is-Sindku qal li l-proġett minn *Infrastructure Malta* hija li t-triq titwessa u tiġi b'żewġ karreġġati għat-traffiku. Is-Sindku kompla jgħid li qed jagħmel l-insistenza kollha ma' *Infrastructure Malta* biex tiġi kkunsidrata l-urġenza.

**379.4.3** Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit qalet li Triq Wied Costa fejn sar il-proġett tal-wiċċ tat-triq hemm diversi ħitan tas-sejjiegħ imwaqqa' għat-triq li qed jikkawżaw periklu peress li t-triq tidjieq.

379.5 Tiġdid tal-bilanċ tal-vacational Leave tas-Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku ressaq it-talba tas-Segretarju Eżekuttiv biex iġġedded 51 siegħa *vacational leave* mis-sena 2019 għas-sena 2020, skond l-artiklu 3.1.5 u 3.1.9 tal-*Public Service Management Code*. Is-Sindku qal li minħabba esiġenzi ta' xogħol dan il-bilanċ ma jistax

jittieħed din is-sena u għalhekk qed jipproponi li l-Kunsill japprova it-tiġdid. Il-Kunsill unanimament approva.

379.6 **Approvazzjoni tal-*Performance Report* tal-*Community Worker* għas-sena 2019**

Is-Sindku qal li kien iddiskuta mas-Segretarju Eżekuttiv il-'*performance*' tal-ħaddiem assenjat mal-Kunsill, skond il-ftehim iffirmat artiklu 11. Wara li ġew ikkunsidrati diversi punti u mtela l-*performance report* rispettiv, is-Sindku propona li l-ħaddiem jingħata l-ammont medju skond l-iskema, għal *performance* bejn 81% u 89%, jiġifieri €350. Il-Kunsill unanimament qabel. Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit proponiet li ssir laqgħa mal-ħaddiem fejn jiġi diskuss dan ir-rapport u fejn hemm lok għal titjib.

379.7 **Festa Milied 2019**

Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li Festa Milied ser issir is-Sibt 14 ta' Diċembru 2019 u tibda fl-4.00pm. Huwa qal li għal din is-sena l-attivita' ser tkun mifruxa minn Triq San Nikola għal Pjazza San Nikola sa ħdejn l-istatwa. Huwa qal li l-programm jinkludi presepju ħaj bl-involviment tat-tfal tal-iskola, involviment tal-għaqdiet tal-lokal, wirja ta' presepji, wirja ta' poeżiji u letteratura bil-parteċipazzjoni tal-Active Ageing Centre, wirja bil-parteċipazzjoni ta' persuni b'diżabilta', u kompetizzjoni ta' tiżjin ta' kejkijiet. Din is-sena ser ikollha sehem ukoll il-Parroċċa tas-Siġġiewi bis-sehem tal-kor tal-parroċċa u wirja.

Is-Sindku qal li din l-attivita' ser issir b'għajnuna finanzjarja tar-Reġjun Nofsinhar minn skemi diġa msemmija.

Is-Sindku ħeġġeġ il-parteċipazzjoni u l-involviment tal-Kunsilliera kollha f'din l-attivita'.

379.8 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvillupp fis-Siġġiewi.

Ma ssemmew l-ebda materji konnessi.

379.9 **Rapport tal-Korrispondenza**

Is-Segretarju Eżekuttiv ppreżentat ir-rapport tal-korrispondenza li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

379.9.1 Is-Sindku irrefera għall-korrispondenza mingħand il-moviment Kerygma għal premju Żagħżugħ tas-sena 2019. Huwa qal li dan il-premju hu miftuħ għal żagħżagħ li juru sens kbir ta' mpenn fil-ħajja nisranija u jkunu ta' eżempju għal żagħżagħ oħra. L-applikazzjonijiet jgħalqu fil-15 ta' Novembru 2019, u min jixtieq jinnomina lil xi ħadd għandu jgħaddi l-informazzjoni kollha lis-Segretarju Eżekuttiv.

379.9.2 Is-Sindku infurma li l-applikazzjoni tal-Kunsill għal Fondi taħt Miżura 4.4-Rural Development programme 2014-2020, għal tranġar ta' ħitan tas-sejjieħ ġiet aċċettata. Il-budget eliġibbli huwa ta' €172,953.01 eskluż il-Vat, b'kontribuzzjoni ta' 80%, €138,362.41 mill-Managing Authority u 20%, €34,590.60 mill-fondi tal-Kunsill.

379.9.3 Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mingħand l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal rigward il-Jum Dinji tat-Tfal, li jiġi ċċelebrat fl-20 ta' Novembru 2019. Is-Sindku qal li din l-okkazjoni ser tiġi abbinata mal-proġett ta' taħwil ta' siġar u pjanti mit-tfal, bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali Tfal, u ġiet identifikata iż-żona tal-bandli ta' Nalizpelra. Huwa qal li hemm il-ħsieb ukoll li ssir attivita' sportiva għat-tfal.

379.9.4 Is-Sindku infurma li l-Kunsill ser jiġi provdut b'37 siġra minn Ambjent Malta li kien għamel it-talba għalihom. Is-siġar ser jitħawlu fi Triq Mons. Mikiel Azzopardi, fir-roundabout ta' Ta' Kilpa, u fl-outdoor gym.

379.10 Rapport tal-ilmenti

Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

379.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.

Is-Sindku propona li l-Kunsill japprova il-lista tal-pagamenti. Il-Kunsillier Julian Borg issekonda u l-Kunsill approva l-iskeda tal-pagamenti b'mod unanimu.

379.12 Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ

379.12.1 Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet l-istat ħażin tal-wiċċ ta' Triq Mons Mikiel Azzopardi fejn f'diversi partijiet qed tisfronda. Is-Sindku wieġeb li qiegħed f'taħdidiet ma' Infrastructure Malta biex isirilha wiċċ ġdid.

379.12.2 Il-Kunsilliera Francine Farrugia reġgħet semmiet il-periklu tal-barriera mingħajr ilqugħ fi Triq Angelo Dorini. Hija qalet li wara li l-Kunsill kien irraporta lill-awtoritajiet tal-Pulizija, kien tpoġġa tape, iżda dan mhux biżżejjed u l-periklu għadu hemm.

Il-Kunsilliera Alessia Psaila Zammit ħarġet mil-laqgħa fit-8.00pm.

379.12.3 Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm talba minn resident fi Triq Ramija għal bankina quddiem il-bieb tad-dar minħabba li qed jipparkjaw il-karozzi u jgħalqulu l-aċċess għad-dar. Is-Sindku talbu biex jgħaddi sketch tal-bankina ħalli tkun tista ssir l-applikazzjoni ma' TM għall-permess neċessarju.

379.12.4 Il-Kunsillier Julian Borg qal li hemm bżonn ta' 'speed limit signs' fit-triq ta' Għar Lapsi. Is-Sindku qal li din qegħda inkluża fi skema diġa approvata.

379.12.5 Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li hemm bżonn jitwaħħlu l-bollards biex ma jgħaddux vetturi, fi Triq il-Knisja l-Qadima fil-ħinijiet li tkun magħluqa minħabba t-tfal tal-mużew, apparti l-preżenza tal-gwardjan lokali. Is-Sindku propona li ssir laqgħa mas-Superjur biex tinstab l-aħjar soluzzjoni għas-sigurta' tat-tfal.

379.12.6 Il-Kunsillier Adrian Farrugia qal li rċieva diversi ilmenti dwar tlett parkeġġi sofor fi Pjazza San Nikola fejn ma jintużawx bħala garaxxijiet għall-vetturi, u għalhekk qed jiproponi li jinżebgħu bojod, anka minħabba l-problema kbira ta' parkeġġ. Il-Kunsill unanimament

qabel li jinżebgħu bojod kemm jista jkun malajr.

379.12.7 Il-Kunsillier Farrugia saħaq li hemm bżonn jiżdiedu l-*bring-in-sites* fil-lokal għax dawk eżistenti huma ftit wisq għat-talba tar-residenti. Huwa ħeġġeġ li kemm jista' jkun malajr isir qbil fuq sit addizzjonali fejn jistgħu jitpoġġew.

379.12.8 Il-Viċi Sindku qalet li hemm *parking bay* safra fi Triq id-Demnuq li mhux indikattiva għal min qegħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li dik hija '*communial parking for blue badge holders'* approvata minn TM, u ser tinforma lil TM biex tinżebaħ kif suppost mill-iktar fis.

379.12.9 Il-Kunsilliera Francine Farrugia qalet li qed tagħmel kuntatt mal-Bicycle Advocacy Group għal possibilita' ta' *stands* tar-roti biex jiġu nsallati fil-lokalita'.

379.12.10 Il-Viċi Sindku semmiet il-bżonn urġenti għal *zebra crossing* fi Triq Dun Manwel Zammit, speċjalment għal dawk li jiffrekwentaw il-grawnd sportiv. Is-Sindku qal li din ser tii diskussa fil-kumitat tal-Infrastruttura.

379.12.11 Il-Viċi Sindku qalet li hemm bżonn tinżebaħ iz-*zebra crossing* ta' quddiem l-entratura tal-iskola fi Triq it-Tabib Nikola Zammit għax iċċarat.

## 379.13 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament

Il-laqgħa intemmet fid-8.45 ta' filgħaxija.

Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2019 fis-6.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 25 ta' Novembru 2019

Dr Kurstein N. Sant
Sindku

Ritienne Giorgino
Segretarju Eżekuttiv